**Tribunal Industrijali**
**Decizjoni Numru** 1522

Kaz Numru 1773

Fil-kwsitjoni tax-xoghol

Bejn

Jason Spiteri

U

Maltapost plc
Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

**Chairperson**: Av. Dr. Audrey Demicoli
**Membri:** Is-Sur Michael J. Mallia
Is-Sur Alfred Buhagiar

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal minn Jason Spiteri permezz ta' Dikjarazzjoni prezentata fis-27 ta'Mejju 2003 fejn l-appellant sostna li li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta'' intimata da parti tal-istess socjeta' intimata ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti u ghaldaqstant talab li l-kaz tieghu jinstema' minn dan it-Tribunal skond il-ligi. Fis-26 ta' Gunju 2003 l-appellant prezenta Dikajrazzjoni tal-Kaz aktar dettaljata fejn talab lil dan it-Tribunal is-segwenti:-

1. Li jordna lis-socjeta' intimata tregga' lura lill-appellant lura fl-impjieg maghha;
2. Li jigi likwidat kumpens li ghandu jithallas mis-socjeta' intimata favur l-appellant;
3. Li jordna lis-socjeta' intimata thallas l-imsemmi kumpens lill-appellant.

Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra tirrijteni li l-impjieg tal-appellant gie terminat minnha ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi.

It-Trbunal zamm tmien (8) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg partijiet kif ukoll is-sottomissjonijiet finali tal-avukati difensuri taghhom.

It-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tan-Nota ta' Riferenzi prezentata mis-socjeta' intimata.

**Fatti tal-Kaz**

L-appellant kien impjegat mas-socjeta' inrtimata bhala operatur postali. Fit-12 ta' Mejju 2003 il-Customer Care Section fi hdan is-socjeta' intimata kienet iriceviet ilment minn certu Roderick Agius residenti f'Achille Ferris Street, Haz-Zebbug fejn huwa lmenta li ma kienx ircieva zewg ittri mibghuta lilu mis-socjeta' HSBC Bank (Malta) plc. Dan l-ilment bil-miktub gie debitament esebit (Dok. SBD1) u minn ezami tal-istess jirrizulta li wahda mill-ittri kien fiha credit card mahruga mill-HSBC f'isem dan Roderick Agius. Is-socjeta' intimata qabdet lil investigatur, certu Edwin Mamo, biex jindaga dwar dan l-ilment. Wara li dan Mamo ghamel l-indagni tieghu is-socjeta' intimata baghtet ghall-appellant. F'din il-laqgha kien hemm prezenti Victor Scott li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Senior Administrator fi hdan is-socjeta' intimata, Teddy Cilia u Edwin Mamo u huwa gie konfrontat bil-fatti li kellha a disposizzjoni taghha is-socjeta' intimata u gie nfurmat li seta' jirrizenja volontarjament jew altrimenti l-kumpanija kienet ser tirrefieri l-kaz lill-pulizija. L-appellant innega l-involviment tieghu fl-allegat serq tal-credit card in kwistjoni u huwa ntalab sabiex jattendi ghall-laqgha ohra l-ghada, u cioe' fl-20 ta' Mejju 2003, fejn gie infurmat permezz ta' ittra (Dok. JS1) li l-impjieg ttieghu kien qed jgi terminat stante li minn informazzjoni li s-socjeta' intimata kellha fil-pussess taghha kien jirrizulta li huwa kien mar kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 51 u 52 tal-Att Dwar il-Posta.

Jirrizulta li s-socjeta' intimata ibbazat id-decizjoni taghha esklussivament fuq ir-rizultanzi tal-investigazzjonijiet li ghamel dan Edwin Mamo. Dawn ir-rizultanzi sejrin ghalhekk jigu ezaminati fid-dettall aktar il-quddiem fil-konsiderazzjonijiet.

Mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta' intimata kienet irreferiet il-kaz lill-Pulizija permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2003 (Dok. JG1).

## Konsiderazzjonijiet

Kif intqal aktar il-fuq is-socjeta' intimata hadet id-decizjoni li tittermina l-impjieg tal-intimat abbazi tar-rizultanzi tal-investigazzjonijiet maghmula mill-investigatur minnha mqabbad, Edwin Mamo. Wara li kkunsidrat dak lilha rrapurtat minn dan Mamo is-socjeta' intimata iddecidiet li l-appellant kien mar kontra l-obbligi minnu assunti bhala pustier, u cioe' li bl-ebda mod m'ghandu jiehu b'qerq jew jisraq xi oggetti postali, liema obbliigi huwa kien assuma ai termini tal-Artikolu 30 tal-Att Dwar il-Posta.

Mix-xhieda ta' Edwin Mamo u mir-rapport minnu konsenjat lis-socjeta' 'ntimata (Dok. EM2) jirrizulta illi fit-12 ta' Mejju 2003 Victor Scott, is-Senior Administration Manager fi hdan il-Maltapost, kien irreferielu rapport li kien sar fis-sezzjoni tal-Customer Care fi hdan l-imsemmija socjeta', minn certu Roderick Agius rigwardanti serq u uzu frawdolenti ta' credit card mahruga lil dan Agius mil-HSBC Bank (Malta) plc. Mamo kien kellem lil Agius u dan tal-ahhar infurmah li ma kienx ircieva l-credit card mibghuta lilu u li min kien seraq l-imsemmija card kien ghamel uzu minnha f'diversi outlets tal-kumpless ta' Baystreet, f'San Giljan. Agius kien ukoll ghaddielu d-dettalji tat-transazzjonijiet moghtija lilu mill-HSBC.

Fit-13 ta' Mejju 2003 Mamo kellem lis-Security Manager tal-HSBC, certu Mario Bartolo, u dan tal-ahhar infurmah li l-credit card in kwistjoni kienet giet konsenjata fis-sezzjoni tal-Bulk Mail tal-Maltapost fil-21 ta' April 2003, ghall-habta tan-12.30pm. Dan infurmah ukol li l-ewwel uzu li sar bil-credit card kien fl-24 ta' April 2003. Din kienet giet uzata f'hames outlets f'Baystreet bejn is-7.30pm u t-8.12pm.

Mir-rapport ta' Edwin Mamo jirrizulta li minn din l-informazzjoni li kellu fil-pussess tieghu huwa presuma li l-impjegat tas-socjeta' intimata li ghamel uzu mill-credit card ma kienx xoghol fl-24 ta' April 2003 filghaxija. Jirrizulta wkoll li l-posta konsenjata fil-Bulk Mail Office tigi mghoddija lis-Central Processing Unit ghall-istampar u sussegwentement tigi konsenjata lis-Sorting Area sabiex imbaghad isiru l-konsenji ndividwali l-ghada filghodu. L-impjegati li jahdmu fis-Central Processing Unit ghandhom zewg shifts bejn it-8.00am sat-3.00pm u bejn l-4.00pm sal-1.00pm u s-shifts jalternaw fuq bazi ta' kuljum. Apparti dawn il-haddiema tac-CPU Mamo kkonkluda wkoll li haddiema fil-branches ta' Haz-Zebbug, iz-Zurrieq, Hal-Luqa, EMS u Foreign Parcel Post setghu

ukoll ikollhom access ghall-ittra in kwistjoni. Drivers tal-vannijiet li gabru l-posta fil-vicinanzi ta' San Giljan setghu ukoll effetwaw it-transazzjonijiet fil-kumpless ta' Baystreet. Edwin Mamo ottjena r-rosters tal-impjegati tac-CPU u fil-15 ta' Mejju 2003, akkompanjat minn Victor Scott, huwa zar il-kumpless ta' Baystreet u kellem lill-impjegati tal-outlets fejn irrizulta li kienet intuzat il-credit card. F'wiehed mill-outlets (MCG) l-impjegata li kienet effetwat it-transazzjoni ma kienitx xoghol dakinhar u rrizulta li kienet ser tkun xoghol l-ghada. Impjegati ta' tlett outlets ohra stqarru li ma kienu jiftakru xejn dwar it-transazzjonijiet in kwistjoni filwaqt li Angela Zammit, il-haddiema tal-hames outlet (ZeroTwo) stqarret li kienet tiftakar it-transazzjoni partikolari u dan ghaliex il-persuna li xtrat il-handbag kienet dahlet bl-ghagla fil-hanut, hadet il-handbag minn fuq l-ixkaffa, hallset bil-credit card tal-HSBC u harget tigri. Angela Zammit nfurmat lil Mamo u lil Scott li l-persuna in kwistjoni kienet tas-sess maskili u ta' eta bejn l-20 u l-25 sena. Il-Head of Security tal-kumpless ta' Baystreet infurmah li t-tapes mehuda mis-securtiy cameras kienu jinzammu biss ghal sebat ijiem u dawk rigwardanti l-24 ta' April 2003 kienu gew kancellati u ri-utilizzati fl-1 ta' Mejju 2003.

Mix-xhieda ta' Stefania Camilleri li hija mpjegata bhala Human Resources Manager mas-socjeta' intimata jirrizulta li Edwin Mamo kien talabha l-attendance sheet tal-pustiera li kienu hadmu F'Haz-Zebbug bejn il-21 ta' April 2003 sas-26 ta' April 2003 kif ukoll lista tan-nies li kienu xoghol fis-CMR, u cioe' ic-Centru fejn tigi channelled il-posta. Dawn l-ismijiet kienu jinkludu hdax il-pustier u Mamo talab ukoll ir-ritratti mill-personal files ta' dawn l-impjegati. F'din il-lista li inghatat lil Mamo kien hemm inkluz isem l-appellant li kien wiehed mill-persuni ta' eta' bejn l-20 u d-29 sena u ta' sess maskili li kienu xoghol fil-hub ta' Hal-Qormi u setghu kienu sorters jew inkella pustiera li kienu qed iqassmu l-posta f'Haz-Zebbug. Dawn tal-ahhar kienu l-kriterji li gew indikati lil Stefania Camilleri minn Edwin Mamo sabiex saret is-short list ta' hdax il-persuna.

Fis-16 ta' Mejju 2003 Edwin Mamo, dejjem akkompanjat minn Victor Scott, rega' zar il-kumpless ta' Baystreet fejn rega' kellem lil Angela Zammit u wrieha ir-ritratti ta' tnax il-impjegat. Mir-rapport ta' Mamo u anki mid-deposizzjoni minnu moghtija viva voce quddiem dan it-Tribunal, kif ukoll mix-xhieda ta' Vicor Scott, jirrizulta li din Zammit mal-ewwel indikat ir-ritratt tal-appellant bhala l-persuna li kien utilizza l-credit card sabiex jxtri handbag mill-hanut ZeroTwo fl-24 ta' April 2003. Mamo u Scott regghu zaru l-outet tal-MCG u

stabbilew li l-impjegata l kienet effetwat it-transazzjoni fl-24 ta' April 2003 kienet certu Maria Borg. Huma wrewha t-tnax ir-r-ritratt u din ghazlet ir-ritratt tal-applellant u ta' impjegat iehor. Minn indagni ulterjuri li effetwa Edwin Mamo f'dak l-istadju irrizultalu li l-appellant kien jahdem fis-CPU (Zebbug Branch) u kien jikkonsenja l-beat numru hamsa (5). Roderick Agius, u cioe' il-persuna li kienet intavolat l-ilment, kienet tirrisjedi f'din il-beat. Mamo jghid ukoll li rrizlutalu li l-appellant seta' kellu access ghall-ittra kontenenti l-credit card fil-21 ta' April 2003 u kellu wkoll il-possibilita' li jzur il-kumpless ta' Baystreet fl-24 ta' April 2003.

Kif diga' ntqal aktar il-fuq Edwin Mamo flimkien ma persuni ohra kien kellem lill-appellant f'zewg okkazzjonijiet akkompanjat minn Victor Scott u Teddy Cilia u wara li ghadda ir-rizultati tal-investigazzjonijiet tieghu lis-socjeta' intimata din tal-ahhar iddecidiet li tittermina l-impjieg tal-appellant.

Huwa fatt inkontestat li l-oneru tal-prova f'dan il-kaz jispetta lis-socjeta' intimata fis-sens illi hija l-imsemmija socjeta' intimata li kellha tipprova fuq bilanc ta' probabilitajiet l hija kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-appellant. Kif diga' gie rilevat aktar il-fuq is-socjeta' intimata strahet fuq ir-rizultanzi tal-indagni kondotta minn Edwin Mamo sabiex waslet ghall-konkluzjoni li tittermina l-impjieg tal-appellant ghaliex dehrilha li kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermianlu l-impjieg. Dan it-Tribunal jidhirlu li l-indagni kondotta minn Edwin Mamo kienet aprossimattiva wisq u ma tistghax tigi ritenuta bhala konklussiva Jidher li huwa mal-ewwel irrestringa l-kamp tal-indagni tieghu ghal persuni mpjegati mas-socjeta' intimata ghaliex assuma li l-credit card in kwistjoni kienet effettivament giet konsenjata fil-Bulk Mail Office tas-socjeta' intimata mill-HSBC Bank (Malta) pl. Ma ngabet ebda prova quddiem dan it-Tribunal li fil-fatt il-credit card in kwistjoni kienet giet konsenjata mill-HSBC fil-Bulk Mail Office tas-socjeta' intimata. Inoltre mir-rapport ta' Edwin Mamo stess jirrizulta li huwa qabad u presuma li l-persuna li setghat utilizzat i-credit card in kwistjoni bilfors kellha tkun impejgata tas-socjeta' intimata. Inoltre Edwin Mamo irrestringa kwazi immedjatament il-kamp tal-indagni tieghu ghall-appellant u dan abbazi tal-istqarrija ta' Angela Zammit u dan meta huwa kellu persuna ohra (Maria Borg) li kienet indikatlu zewg persuni bhala l-individwi li setghu effetwaw it-transazzjoni fil-hanut fejn kienet qed tahdem hi. It-Tribunal jirrileva li dawn iz-zewg persuni l-anqas biss gew prodotti bhala xhieda quddiemu u ma jistghax jifhem kif is-socjeta' intimata tista'

tippretendi li pruvat l-allegazzjoni taghha sal-grad rikjest mill-ligi meta hija naqset li tipproduci bhala xhieda l-unika zewg persuni li allegatament identifikaw lill-appellant bhala l-persuna li effetwat it-transazzjonijiet bil-credit card rappurtata misruqa.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li in vista tal-fatt li mir-rapport ta' Edwin Mamo stess u anki mix-xhieda ta' Stefania Camilleri moghtija fis-eduta tal-11 ta' Dicembru 2003 – *"In kwantu jirrigwarda n-nies illi hemm indikati fl-attendance sheets li ghadni kemm esebejt, kull wiehed minnhom seta' fil-fatt kien involut fl-ittri in kwistjoni u cioe' fl-ittri li ma waslux ghand il-klijent illi ghamel l-ilment"*- irrizulta li in-nies li setghu kellhom x'jaqsmu mal-ittra kontenenti l-credit card kienu diversi. Huwa ghal din irr-aguni li t-Tribunal jidhirlu li kellhom isiru indagni aktar approfonditi u konklussivi qabel ma tittiehed, kif fil-fatt ittiehdet, il-mizura dixxiplinari estrema tat-termiazzjoni tal-impjieg tal-appellant. Fl-istadju meta ttiehdet tali decizjoni u mill-provi li s-socjeta' intimata ghazlet li tressaq quddiem dan it-Tribunal ma jirrizultax fuq bilanc ta' probabilitajiet li s-socjeta' intimata kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-appellant.

F'dan l-istadju irid jigi enfasizzat li l-konsiderazzjonijiet maghmula minn dan it-Tribunal u d-decizjoni minnu mehuda bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala dikjarazzjoni o meno ta' kolpevolezza tal-appellant ghaliex dan il-kompitu ma jispettax lilu izda lill-qrati ordinarji b'gurisdizzjoni kriminali Dan it-Tribunal qed jikkonkludi biss li abbazi tal-provi migjuba quddiemu mis-socjeta' intimata ma jirritjeniex li l-istess socjeta' intimata kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-appellant.

Ghar-ragunijiet hawn fuq premessi t-Tribunal jiddecidi li s-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tal-appellant Jason Spiteri minghajr raguni valida u suffiicjenti skond il-ligi.

**Kumpens**

Ghalkemm fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu l-appellnat inizjalment talab ir-re-instatement u l-likwidazzjoni ta' kumpens, fis-seduta tat-22 ta' April 2004 l-avukat difensur tieghu preciza li l-appellant ma kienx qed jitlob li jinghata l-impjieg lura izda biss li jithallas kumpens. Il-kumpens pagabbli lill-appellant Jason Spiteri mis-socjeta'' intimata qed jigi likwidat fis-somma ta' elf lira Maltin

(Lm1,000.00), liema ammont ghandu jithallas sa zmien tlett gimghat mill-llum.

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-dritttjiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**

**Michael J. Mallia**
**Membru**

**Alfred Buhagiar**
**Membru**